Occupational Health & Safety Authority

# Stqarrija ghall-Media

## Liftijiet Perikolużi

05.10.04

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) tinstab imħassba dwar stqarrija maħruġa mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Liftijiet. F'din l-istqarrija, l-Assoċjazzjoni ssostni li nofs il-liftijiet li twaħħlu f'Malta mill-2002 'l hawn huma perikolużi. Dawn il-liftijiet, skond l-Assoċjazzjoni, jinstabu kemm f'postijiet tax-xogħol kif ukoll f'bini residenzjali.

L-OHSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni li hija responsabbli biss minn liftijiet li jitwaħħlu jew jinstabu f'postijiet tax-xogħol. Dan jirriżulta minn regolamenti apposta dwar liftijiet (Att Legali 47 ta' l-1964) li fost oħrajn jesiġu li l-liftijiet ikunu ċċertifikati minn persuna kompetenti kull sitt xhur. Dan iċ-ċertifikat irid jintbagħat lill-Awtorità li żżomm rekord ta' dan. F'każ ta' nuqqasijiet gravi f'dan ir-rapport, il-lift jiġi mwaqqaf milli jintuża mmedjatament mill-Awtorità sakemm isirulu l-alterazzjonijiet jew tiswijiet meħtieġa.

Flimkien ma' l-Awtorità Maltija dwar l-Istandards (MSA), l-OHSA qed taħdem fuq regolamenti ġodda li se jkunu japplikaw għal kull tip ta' apparat tax-xogħol, inkluż liftijiet, paranki, krejnijiet, *boilers* u xatba li taħdem b'mod awtomatiku, fost oħrajn. Ir-regolamenti jagħmlu distinzjoni bejn apparat li jintuża fuq il-post tax-xogħol u f'postijiet oħra. Naturalment l-OHSA hija responsabbli biss minn dak l-apparat f'postijiet tax-xogħol.

Għalkemm l-Awtorità tagħmel spezzjonijiet regolari dwar liftijiet, fost oħrajn, naturalment ma tistax tkun kullimkien. B'hekk hija r-responsabbilta' ta' kull min jinduna b'nuqqasijiet jew b'xi perikli u abbużi li jinformaha mmedjatament.

L-Awtorità dejjem investigat u ħadet passi skond kif meħtieġ meta saru rapporti. Huwa għalhekk li kif dejjem tagħmel, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tixtieq tappella lil kulħadd sabiex ikun responsabbli mis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. F'dan il-każ partikolari, l-Awtorità tappella lill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Liftijiet sabiex tinfurmaha b'mod immedjat dwar dawk il-postijiet fejn hi ssosstni li hemm liftijiet perikolużi.

Kull min jixtieq jikkuntattja lill-Awtorità jista' jagħmel dan billi jċempel fuq in-numri 21 247677/8 jew email: ohsa@gov.mt. F'każ ta' emerġenza, wieħed jista' jċempel ukoll fuq 99496786. Kull min iċempel jista' jibqa' anonimu.

[ENDS]